MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 725/2001/1

**Edmund u Marthese konjugi Mugliette**

**vs**

**Intertecnica Properties Limited, u b' digriet tas-26 ta' Settembru 2001 l-isem tas-socjeta` konvenuta gie mibdul ghal INTERTECNICA Properties, u b' digriet ta' l-14 ta' Novembru 2001 il-kelma "Properties" giet mibdula b' "PROPERTY" INVESTMENTS LIMITED**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Gunju, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata tizgombra mill-fond

appartament internatment immarkat numru erba (4), gewwa l-blokk ta’ bini maghruf bhala “Australia Flats”, gewwa Cuschieri Street, il-Gzira, liema fond huwa propjeta’ tal-atturi u li l-konvenut qed jippossjedi minghajr ebda titolu validu skond il-ligi.

Ghall-fini tal-kompetenza, jigi dikjarat illi t-talba tal-atturi hija anqas mill-valur ta’ Lm5000.

Bl-ispejjes u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Preliminarjament illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni biex tisma’ u tiddeciedi t-talbiet attrici stante illi jezorbitaw il-kompetenza taghha a tenur ta’ Titolu III tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom jippruvaw l-interess taghhom f’dawn il-proceduri billi jippruvaw it-titolu taghhom fuq il-fond de quo, u fin-nuqqas it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta’ konvenuta ma tokkupax il-fond de quo, illi izda qieghed fil-pussess u kontroll assolut ta’ terzi.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 71 u fol 73 u r-rikors u digriet relattiv a fol 62 u fol 64.

**Ikkunsidrat**

Illi meta xehed l-istess attur (fol 16 u fol 55 et seq ibid) hu rrefera ghat-tieni eccezzjoni dwar il-kwistjoni ta' "interess" tal-atturi f'dawn il-proceduri. Difatti, hu esebixxa kopja legali ta' att publiku, "in atti" Nutar John Patrick Hayman, bid-data tal-14 ta' Dicembru 1994 u li permezz tieghu l-atturi kienu akkwistaw minghand is-socjeta' "Bitrust Development Limited" l-appartament, minghajr arja, internament markat bin-numru erba (4), formanti minn blokk ta' appartamenti bin-numri (5) bl-isem "Australia Flats" f'Cuschieri Street, Gzira, liema appartament kien gie akkwistat mis-socjeta venditrici minghand, Mark Crocker. Dwar l-istess kuntratt jinghad "obiter" illi l-attur, stess, f'isem is-socjeta li ghada kemm issemmiet, kien biegh l-appartament in kwistjoni lilu nnifsu u lill-martu, l-attrici, bhala mandatarja tal-attur. Hu kompla billi esebixxa "fax" li ntbaghat lilu minn Martin Casha f'isem is-socjeta konvenuta, liema "fax" jirreferi, pero', ghall-appartament numru tlieta (3) sitwat fl-istess blokk ta' appartamenti (ara fol 22 ibid). In kontro esami, hu semma' illi ma kienx hemm rizoluzjoni tal-bord tad-diretturi tas-socjeta "Bitrust Development Limited" sabiex jsir l-imsemmi kuntratt esebit a fol 18 tal-atti "… u dan ghax ma dehritx li kien hemm bzonn". Inoltre qabel ma sar l-istess akkwist, hu kien mar fil-post hekk akkwistat izda kien sar jaf "… li l-kumpanija konvenuta kellha fil-pussess taghha xi proprjeta bhal dik in esami … meta ridt niehu lura il-pussess tal-istess post". Fl-ahhar nett, dwar konvenju esebit in atti a fol 39 u li ser issir referenza ghalih "infra", hu kien gie informat minn Joseph Falzon (ara 'infra' ukoll) illi ".. dan il-konvenju, fil-fatt ma kienx sar" u lanqas ma kien jaf illi l-istess Falzon "… kien deher sabiex jestendi dan il-konvenju".

**Ikkunsidrat**

Illi, da parti tas-socjeta konvenuta u prodott minnha Frank Camilleri (fol 25 u fol 36 et seq ibid) jsostni illi ".. .il-proprjeta li ghaddiet ghandi ma hiex

dik imsemmija fl-avviz'. Difatti kien sar konvenju mix-xhud sabiex jixtri post minghand certu Charles Vella bhala direttur tas-socjeta Bitrust Limited, gja msemmija u f'dan il-konvenju kien hemm imnizzel "Sunflower Block of Flats number 4" u ghalhekk skond l-istess xhud, hu qed jokkupa, bhala direttur tas-socjeta konvenuta, "…. l-post li jiena xtrajt u li jinsab fil-blokk ta' appartamenti bl-isem ta' Sunflower u mhux Australia. Dan ghandu n-numru 4'. Dwar dan il-post, pero ma' kienx sar l-att publiku finali ".. pero kont hallast il-prezz kollu". Cjononostante dan il-post inkera lil terza persuna. Hu kompla billi jsostni illi "… ma naqbilx li qed nitkellmu fuq l-istess post" ghax "… hemm blokk ta' appartamenti wiehed bl-isem ta' Australia u l-iehor bl-isem ta' Sunflower". In sostenn ta' dan ix-xhud esebixxa ritratt (fol 28 ibid) fejn tidher biss, pero', il-kelma "Flower" waqt li "Il-kelma Australia ma tingharafx", anzi fil-fehma tieghu "… fin-nofs hemm il-kelma Australia waqt li fuq il-genb l-iehor hemm il-kelma "Sunflower" kif, effettivament, jidher li hemm f'cirku maghmul mill-istess Qorti. Fl-istess ritratt, jidher li x-xhud kien qed jirreferi ghal bieb fuq in-naha tax-xellug li skond hu, ghandu l-isem "Sunflower". Pero fil-kontroesami hu semma li dan il-blokk appartenti lilu, ghandu in-numru hamsa (5). Pero kif jidher mill-istess ritratt dan il-blokk ghandu in-numru hmistax (15) waqt li skond hu, "F'dik it-triq ma hemmx post bin-numru 15". Kif jidher a fol 39 et seq ibid ix-xhud esebixxa il-konvenju gja msemmi u li bih bhala direttur tas-socjeta konvenuta kien obliga ruhu li jixtri minghand Charles Vella, personalment, l-appartament numru 4, f'blokk ta' appartamenti bla numru bl-isem ta' "Sunflower" sitwat fi Triq Cuschieri Gzira, liema konvenju kien gie mgedded skond kif jidher a fol 41. Mir-rizoluzzjoni esebita a fol 42 mill-istess xhud jidher li l-attur u l-istess Charles Vella, bhala membri tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta "Bitrust Company Limtied" kienu awtorizzaw lil Joseph Falzon sabiex jidher f'isem l-istess kumpanija fuq atti ta' bejgh ta' proprjeta ta'

din a fol 43 u fol 44, l-istess xhud esebixxa zewg "faxes" mibghuta mill-attur lis-socjeta konvenuta liema dokumenti jirreferu ghall-appartament numru tlieta (3) bhal dak esebit mill-istess attur (ara 'supra'). Fl-istess 'faxes' hemm referenza ghall-uzu da parti tal-istess socjeta konvenuta ta' dan l-appartament hekk numerat u sabiex din is-socjeta taghti lill-attur ic-cavetta tal-bieb ta' dan l-appartament. Fl-ahharnett ix-xhud semma' li l-post specifikat fl-imsemmi konvenju, li ma kienx finalizzat kien inkera izda verbalment (ara ukoll ix-xhieda ta' Charles Vella a fol 46 tal-atti).

**Ikkunsidrat**

Illi, hawnhekk ghandu jinghad illi :-

a) Din il-Qorti ma hiex kompententi sabiex tara u tiddeciedi jekk il-kuntratt ta' akkwist tal-appartament in kwistjoni da parti tal-attur u martu hux validu fil-ligi o meno. Difatti s-socjeta konvenuta jidher li intavolat citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (citaz numru 385/04) b'referenza ghal dan il-punt (ara fol 63 ibid).

b) Cjononostante, din il-Qorti xorta wahda thoss li ghandha tiddeciedi l-kawza in esami u filfatt kienet cahdet talba maghmula da parti tas-socjeta konvenuta sabiex din il-Qorti tissosprassjedi pendenti l-ezitu tal-kawza hawn fuq indikata (ara fol 62 sa fol 64 tal-atti ) kif ukoll fol 71 tal-atti).

c) Kif jidher mill-premess u mill-provi prodotti mill-partijiet din hi kawza li ma tistax tigi deskritta bhala wahda "di facile spedizione' u sabiex tiddeciediha l-Qorti rat u analizzat il-provi prodotti u kif hawn fuq sintetizzati bir-reqqa sabiex tara jekk it-talba in esami tistax tigi akkolta o meno u fost l-istess provi Hi rat li, sostanzjalment, trid tiddeciedi dwar jekk l-appartament akkwistat mill-atturi u dak li kien soggett ghall-konvenju a fol 39 et seq ibid, humiex identitici. Fil-fatt, ma jdihirx li dawn iz-zewg

appartamenti huma l-istess. Din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni minhabba l-fatt illi, fil-kuntratt ta' akkwist li bih l-atturi akkwistaw l-appartament imsemmi fl-avviz, jinghad li certu Mark Crocker kien l-avventi kawza tas-socjeta venditrici waqt li fil-konvenju imsemmi jidher li s-socjeta konvenuta kienet ser takkwista l-appartment deskritt fil-konvenju minghand ix-xhud Charles Vella. Fit-tieni lok, fl-istess kuntratt ta' akkwist jinghad li l-appartment akkwistat mill-attur kien liberu u frank waqt li dak li kien ser jigi akkwistat mis-socejta konvenuta kien soggett ghal cens annwu u perpetwu. Meta xehed Frank Camilleri, jigi notat li dan ghamel enfasi, fuq l-isem tal-blokk ta' appartamenti kontententi l-appartament soggett ghall-konvenju imsemmi ossija "Sunflower' dwar dan hu esebixxa ritratt gja msemmi (fol 28 ibid). Fuq dan ir-ritratt, wiehed jista' jara l-isem "Australia", avolja mhux car, waqt li fuq ix-xellug hemm il-kelma "flower". Frank Camilleri jghid li dan tal-ahhar hu l-blokk ta 'appartament bl-isem 'Sunflower". Pero, jekk wiehed jhares sew lejn ix-xellug tar-ritratt, wiehed jista' jara li l-kelma 'flower' hi preceduta b'kelma ohra separata u li tispicca bl-ittra "Y".

d) Is-socjeta konvenuta, kif di gja ntqal, ma tistax tivvanta li hi l-propjetarja tal-appartament, li kien soggett ghall-konvenju esebit a fol 39 tal-atti izda li, ghal xi raguni, ma kienx gie finalizzat permezz tal-att publiku rikjest mill-ligi.

**Ikkunsidrat**

Illi jidher li, ghalhekk, l-appartment imsemmi fl-avviz u dak allegatament, "appartenenti" lis-socjeta konvenuta ma humiex l-istess wiehed. Is-socjeta konvenuta, tista' tghid resqet dan il-punt, bhala l-linja ta' difisa principali taghha. Izda kif gie premess u ghar-ragunijiet gja moghtija ghandu jigi skartat.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif di gja issemma,saret referenza ghal diversi "faxes" li jinsabu a fol 22, 43 u 44 tal-atti. Hu minnu li f'dawn il-'faxes' hemm referenza ghall-appartament numru tlieta (3). Pero il-Qorti tara li l-kontenut tal-"faxes" qed jirreferi ghall-appartament in kwistjoni u li, filfatt is-socjeta konvenuta qeda tivvanta pretensjonijiet fuq l-istess appartament minghajr xi titolu skond il-ligi u pruvat.

Illi, pero, is-socjeta konvenuta qed tikkontesta t-titolu tal-atturi fuq l-istess appartament (ara fol 62 u fol 63 ibid) u relattivament ghal dan intavolat citazzjoni quddiem il-Qorti Superjuri kompetenti. Ghalhekk jkun opportun illi l-prdni ta' zgumbrament li ser tinghata tkun effettiva wara li jigu konklusi skond il-ligi, l-proceduri msemmija.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex, sa zmien xahar minn meta jigu konklusi, skond il-ligi, l-proceduri kollha relattivi ghac-citazzjoni numru 385/04 tizgombra mill-fond, appartament internament immarkat numru erbgha (4) gewwa il-blokk ta' bini maghruf bhala "Australia Flats" gewwa Cuschieri Street, il-Gzira, liema fond sallum huwa proprjeta tal-attrici, waqt li jigi dikjarat illi l-istess socjeta konvenuta qed tipposjedi l-istess appartament minghajr ebda titolu validu fil-ligi, bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess socjeta konvenuta."

Minn din is-sentenza appellaw in via principali z-zewg kontendenti, bid-differenza illi mentri s-socjeta` konvenuta talbet ir-revoka taghha, l-atturi talbu biss r-riforma. Dan fis-sens illi l-ewwel Qorti kien messha ffissat terminu fiss u determinat ghall-iskop ta' l-izgumbrament u mhux assoggettatu ghal sospensjoni sakemm jigu konkjuzi l-proceduri inizzjati mis-socjeta` konvenuta quddiem il-Qorti Superjuri;

Is-socjeta` konvenuta minn naha l-ohra qed tressaq dawn l-aggravji:-

(1) A sensu ta' l-Artikolu 47 (3) tal-Kapitolu 12 l-ewwel Qorti ma kellhiex kompetenza *ratione materie* tiehu konjizzjoni tal-mertu. B' motiv tadduci illi mill-fizjonomija taghha l-litigazzjoni kienet tinvolvi eskluzivament drittijiet reali;

(2) L-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta cahdet it-talba taghha ghas-soprassessjoni in vista tal-kawza minnha proposta ghad-dikjrazzjoni ta' nullita tal-kuntratt li bih l-atturi akkwistaw il-proprjeta` mertu ta' l-istanza;

(3) Ukoll, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u dan ghaliex m' ghamletx distinzjoni kif jixraq bejn il-proprjeta` vantata mill-atturi u dik allegatament okkupata minnha;

(4) Inoltre l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni erroneja tal-ligi billi qatt ma setghet tikkundannaha tizgombra minn fond li ma kienx fid-detenzjoni taghha u li kien mikri lil terza persuna;

Fermi dawn l-aggravji ta' naha u ta' ohra, huwa certament fl-ordni logiku illi l-Qorti tghaddi l-ewwelnett biex tinvesti l-aggravju tas-socjeta` konvenuta riferibilment ghal kwestjoni tal-kompetenza tal-Qorti inferjuri, u li hi qed tirpoza fuq id-dispost ta' l-Artikolu 47 (3) tal-Kodici ta' Procedura. Aggravju dan li ghal certi aspetti tieghu ghandu rabta mat-tieni ilment relattiv ghal kwestjoni tas-soprassessjoni;

Jibda biex jigi osservat bhala punt ta' tluq, illi r-ragonament ta' l-ewwel Qorti kif johrog mill-korp tas-sentenza impunjata segwa dan l-*iter*. Hi ddeterminat illi ma kienetx kompetenti biex tara u tiddeciedi jekk il-

kuntratt ta’ akkwist ta’ l-atturi huwiex validu fil-ligi, u filwaqt li annotat illi s-socjeta` konvenuta kienet intavolat azzjoni biex tattakka dik il-validita`, xorta wahda dehrilha li kienet kompetenti li tiddeciedi l-kawza, anke ghaliex hi kienet antecedentement cahdet it-talba ghas-soprassessjoni. Eppure, imbaghad, *in calce* ghal parti decizorja tas-sentenza taghha dik l-ewwel Qorti hasset li, b’ danakollu, kellha tallaccja l-konkluzjoni taghha fil-mertu mar-rizultat definittiv tal-procedura inizzjata mis-socjeta` konvenuta;

Dan premess, din il-Qorti, rispettosament, ma thossx li tista’ tikkondividi r-ragonament perkors mill-ewwel Qorti. Hu ben rikonoxxut illi meta tinsorgi kwestjoni ta’ kompetenza u ghal fini li l-Qorti adita tindividwa jekk ghandhiex tali kompetenza ghal raguni tal-materja, hi ghandha, qabel xejn, bhala parti mill-process ta’ verifika, thares lejn l-oggett tad-domanda ta’ l-attur kif impustata fl-att promotur u tac-cirkustanzi migjuba biex isostnuha. Ma jistax jonqos, pero`, li f’ dan l-istharrig l-Qorti adita tiehu rigward ta’ dawk l-eccezzjonijiet li minn natura taghhom jimpingu fuq id-determinazzjoni tal-kompetenza, kompriz f’ dan id-deduzzjonijiet tal-konvenut. Hu in bazi ghal din l-indagini sommarja, u minghajr il-bzonn ta’ deliberazzjoni zejda tal-mertu illi l-Qorti ghandha tiddetermina ghal fini ta’ ordni processwali jekk *prima facie* tikkonfigurax il-kompetenza proprja;

Applikat dan il-kuncett ghal kaz in ezami hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi una volta s-socjeta` konvenuta kienet, bl-eccezzjoni taghha tal-karenza ta’ interess guridiku, qed tikkontesta t-titolu ta’ proprjeta` fl-appellat u una volta wkoll l-ewwel Qorti ddeliberat li ma setghetx tidhol biex tezamina l-validita tal-kuntratt, anke ghaliex, kif minnha stess rikonoxxut, dwaru s-socjeta` konvenuta kienet ipprezentat azzjoni separata ghall-impunjattiva tieghu, hi kellha, ghallanqas sa dak l-istadju, tiddetermina illi ma kienetx hekk kompetenti li tkompli tiehu konjizzjoni ta’ l-istanza u tghaddi biex tissospendi l-perkors tal-kawza sakemm il-proceduri l-ohra quddiem il-Qorti superjuri jkunu konkjuzi. Ikollu jinghad li kien bil-bosta evidenti f’

dawn ic-cirkustanzi illi kien aktar espedjenti li l-Qorti takkorda s-soprassessjoni mitluba u mhux tghaddi ‘l quddiem ghal konsiderazzjoni fil-mertu, biex finalment torbot l-ezekutivita` tad-decizjoni taghha ma’ dik ta’ l-ezitu tal-kawza l-ohra promossa mis-socjeta` konvenuta. B’ hekk ukoll kienu jigu evitati l-komplikazzjonijiet krejati bis-sentenza;

Kaz li ghandu xebh mal-konsiderazzjoni appena maghmula hu dak in re: “**Charles Grima *et* -vs- Michael Spagnol *et***”, Appell Inferjuri, 29 ta’ Marzu 1996 per Imhallef Joseph Said Pullicino. Fih il-Qorti espremiet ruhha fis-sens illi gjaladarba l-Qorti tal-Magistrati kienet stabbilit illi hi ma setghetx taghmel indagini fuq titolu ta’ proprjeta` “dik il-Qorti kien messha waqfet hawn u mhux ghaddiet biex tkompli tikkonsidra u tiggudika dak li fuqu ma kellhiex kompetenza”. Konsegwentement, gie ritenut minnha f’ dak il-kaz illi (i) l-atturi jinghataw l-opportunita` li jipprovaw it-titolu taghhom, (ii) li sakemm dan il-punt jigi deciz l-ewwel Qorti tissoprassjedi, u (iii) una volta jkun stabbilit li l-atturi huma l-proprjetarji tal-fond dik il-Qorti tkun kompetenti biex tiddeciedi kull talba ghal zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli, fil-limiti tal-gurisdizzjoni ta’ dik il-Qorti. Dan s’ intendi kif kien l-istat tal-ligi dakinhar u li jghodd ukoll ghal kaz prezenti introdotta fl-2001 (u allura qabel l-Att XXXI ta’ l-2002);

Ghalkemm il-fattispeci f’ dik is-sentenza kienu alkwantu distinti minn din, il-principji stabbiliti fiha ghandhom jircievu applikazzjoni anke fil-kaz prezenti. Kif hekk ghandha b’ mod specjali tghodd is-segwenti enuncjazzjoni f’ materja ta’ kompetenza tal-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni (**98/5397** riportata fil-“**Commentario breve al Codice di Procedura Civile**” ta’ Capri, Colesanti u Taruffo, Ed. Cedam, 2004):

“*Nel caso di azione diretta ad ottenere il rilascio di un immobile occupato senza titolo o a titolo precario, la contestazione del diritto di proprieta` dell’ attore, anche se effettuata dal convenuto con la deduzione di un suo*

*contrasto diritto dominicale unicamente per far respingere la domanda, trasforma l' azione personali in azione reale, dal momento che il giudice deve decidere sulla sussistenza del diritto di proprieta` vantato da una parte e negato dall' altra*";

Isegwi minn dan kollu illi, kif gja accennat, fis-sitwazzjoni li pprezentat ruhha quddiem l-ewwel Qorti kien altru milli opportun, anke ghall-evitar ta' kif ikkonkludiet d-decizjoni taghha, illi dik il-Qorti tissoprassjedi. Jekk xejn, biex jigi evitat li tinghata ezekuzzjoni lill-kuntratt li jista' jkun potenzjalment null u, aktar minn hekk li jkun evitat ukoll konflitt ta' gudikati. B' sentenza separata fil-kawza fl-ismijiet "**Pauline Gauci -vs- Mario Buttigieg**" moghtija kontestwalment ma' din, il-Qorti ittrattat dan il-punt aktar fit-tul. Tali esigenza hi dettata minn dak l-interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja ghal liema tirreferi l-gurisprudenza. Ara **Kollez. Vol. XLI P I p 507**;

Din il-Qorti ssoffermat fit-tul fuq dan il-punt mhux ghaliex kellha ghalfejn taghmel dan, dato li issa, kif maqbul bejn il-kontendenti, l-azzjoni proposta mis-socjeta` konvenuta quddiem il-Prim' Awla marret dezerta. Ghamlitha biss biex tissottolineja c-cirkostanza meta l-principju tas-soprassessjoni huwa hekk indikat fil-fattispeci;

Gjaladarba dik il-kawza l-ohra marret dezerta jikkonsegwi illi l-kondizzjoni apposta fil-parti decizorja tas-sentenza m' hemmx lokha aktar. La dan hu hekk il-kaz u la l-Qorti ma ssibx lanqas raguni serja u konvincenti biex tiddiskosta ruhha mir-ragonament ta' l-ewwel Qorti fil-mertu, mhux il-kaz li issa l-Qorti tipprovdi ghall-akkoljiment ta' l-aggravju tas-soprassessjoni, kif hekk pretiz mis-socjeta` konvenuta appellanti. Dan b' zieda mac-cahda ta' l-aggravji l-ohra, kemm dik relattiva ghall-inkompetenza u dawk l-ohra dwar l-apprezzament tal-provi, billi, kif fuq manifest, anke mill-konsiderazzjonijiet maghmula, dawn qed jitqiesu infondati. Hu invece il-kaz li, *rebus sic stantibus*, il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tirrimwovi mill-ezekuzzjoni taghha

l-ostakolu tal-kondizzjoni taz-zmien impost mill-ewwel Qorti ghal fini ta’ l-izgumbrament tas-socjeta` konvenuta mill-fond.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-aggravji kollha fl-appell interpost mis-socjeta` konvenuta appellanti. Tilqa’ invece l-aggravju lilha devolut bl-appell principali ta’ l-atturi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li qed teskludi mill-parti operativa taghha in referenza ghall-ezekuzzjoni ta’ l-istess sentenza kull riferenza ghaz-zmien wara d-definizzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi (Citazz. Numru 385/2004) u li, kif maqbul bejn il-kontendenti, marret dezerta. L-ispejjez gudizzjarji kollha taz-zewg appelli jitbatew mis-socjeta` konvenuta. Ghal fini ta’ l-izgumbrament iz-zmien ta’ xahar koncess mill-ewwel Qorti jibda jghaddi mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------